Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 402/2016

Il-Pulizija

Vs

Sergei Vella

Illum 28 ta' Marzu, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Sergei Vella detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 333587M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fl-24 ta' Awwissu 2015 u fix-xhur ta' qabel gewwa l-fond 40, Orchidea, Triq Leli Tabone, Zabbar:

1. Bena cumnija, forn jew forga ma' hajt, ukoll jekk dak il-hajt huwa kollu ta' proprjetà tieghu, jew bejn fond ta' sidien diversi;

2. Bena forn, fuklar jew forga jew ghamel uzu minnhom, f'ebda post li minnu minhabba li ma jkunx hemm cumniji li tieghu d-duhhan jista' jmur fit-triq jew f'dar vicina jew li uzu ta' dan il-forn, fuklar jew forga, b'mod li jkun idejqu jew ta' inkonvenjent lil girien.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Lulju, 2016, fejn il-Qorti illiberatu mill-ewwel imputazzjoni stante preskrizzjoni trimestrali; it-tieni imputazzjoni giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Awwissu 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija u minflok issib lill-appellat hati tal-ewwel akkuza kif dedotta kontra tieghu (stante li t-tieni wahda giet irtirata) u tinfliggi l-piena skont il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti u cioè:-

Illi fis-26 ta' Lulju 2016 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi.

Illi l-esponent Avukat Generali qieghed jintavola dan l-umli appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413 (1) (b) (iv) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi peress illi r-reat de quo huwa wiehed permanenti u fil-fatt l-istess cumnija ghadha tezisti sal-gurnata tal-lum minghajr ma tnehhiet, u l-proceduri odjerni fil-konfront tal-appellat inbdew fit-12 ta' Novembru 2015, dan bl-ebda mod ma jrendi tali proceduri preskritti!

Dan ghaliex hawnhekk si tratta ta' **reat permanenti,** u ghaldaqstant il-Qorti tal-Magistrati applikat l-Artikolu 688 (f) b'mod zbaljat u dan ghaliex fil-kaz ta' reati permanenti bhal fil-kaz odjern, se mai kellu japplika l-Artikolu 691 (1) tal-Kap 9, li jghid espressament illi ghar-reati permanenti, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.

**Illi inoltre l-proviso tal-Artikolu 23 (12) tal-Kap 372 jispecifika li z-zmien tal-preskrizzjoni m'ghandu qatt jibda ghaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat ghal kollox id-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu, filwaqt li l-proviso tal-Artikolu 23(13) jipprovdi li r-reat jibqa' jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ikun ikkonforma ma' u hares id-disposizzjonijiet ta' dak l-Artikolu jew ta' kull regola msemmija fih.**

**Illi huwa car illi l-istat antiguridiku ghadu ma giex rimedjat ghaliex ic-cumnija ghadha ezistenti mal-istess hajt sal-gurnata tal-lum.**

**Illi kwindi dan essenzjalment ifisser li l-perjodu preskrittiv ghadu lanqas biss beda jiddekorri,** u dan kif gie mfisser fis-sentenza bl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Avukat Dottor Albert Ganado*** (Qorti Kriminali, 18 ta' Mejju 1963) fejn il-Qorti rriteniet illi *"Il-perjodu tal-preskrizzjoni jista' jibda biss meta tittermina l-vjolazzjoni, u **ghalhekk f'kaz ta' reat permanenti ma hemmx preskrizzjoni.**"*

Illi ghaldaqstant l-esponent hu tal-fehma li l-Qorti tal-Magistrati ma setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni minnha milhuqa, u dan stante li hawn si tratta ta' reat permanenti, li l-istat anti guridiku ghadu ma giex rimedjat, u li kwindi r-reati addebitati lill-appellat ghadhom jezistu u jibqghu jezistu sakemm l-istess appellat ikun ikkonforma ruhu mal-ligi. L-appellat kien u ghadu l-persuna responsabbli biex titnehha c-cumnija indikata fl-akkuza. Sakemm jaghmel dan, il-perjodu preskrittiv lanqas biss jibda jiddekorri.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat l-affidavit ta' **PS 1593 Alfred Cachia** esebit fl-atti a fol. 2 fejn dan kkonferma li nhar l-24 ta' Awwissu, 2015 George Buhagiar kien mar jirraporta l-ghassa tal-pulizija ta' Haz Zabbar fejn stqar li huwa joqghod gewwa Triq Leli Tabone, Zabbar fejn il-gar tieghu Sergei Vella kien ghamel cumnija ma l-appogg tieghu minghajr ma kien ikkonsulta mieghu u li skond l-ligi ma setghax jaghmilha.

Huwa ghalhekk ghamle kuntatt ma Sergei Vella fejn infurmah b'dan ir-rapport fejn stqarr li huwa kien diga' gie avvicinat mis-sur Buhagiar dwar dan ir-rigward. Huwa

stqarr illi minn kien ha parir minn naha ta' fejn jahdem fix-xoghol tal-bini ta' fire place u peress ili kien dahal 14–il pied il-gewwa mill-faccata kif ukoll ic-cumnija kient maqlugha minn mal-hajt madwar disa' pulzieri u aktar 'l fuq tohrog minn mal-hajt tmintax-il pulzier kien kollox kif jitlob is-sengha u l-arti u skond il-ligi. Huwa pprezenta ukoll xi ritratti tac-cumnija qabel ma din giet maghluqa bil-bricks. Vella stqarr ukoll li ma kellux bzonn permessi tal-Planning Authority biex setgha jaghmel dan. Dan Vella stqarr ukoll illi din ic-cumnija kient ser toghla metru iehor 'l fuq biex b'hekk zgur ma jkun hemm l-ebda inkonvenjent ghal girien cioe' ghal-Buhagiar innifsu.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti a fol 3 fejn jirrizulta r-rapport li ghamel George Buhagiar nhar l-24 ta Awwissu 2015.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2016 id-difiza eccepiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trimestrali rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra Vella u dan presumibilment peress li l-allegat incident sehh fl-24 ta Awwissu 2015 u fix-xhur ta qabel u l-akkuzi odjerni gew notifikati lill-appelalnt wara t-trapass ta' tlett xhur minkejja li dan mill-atti ma jirrizultax. Rat ukoll li f'din l-istess seduta il-prosekuzzjoni kienet qed tirtira l-akkuza migjuba kontra l-appellant.

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali laqghet it-talba tal-appellant u ddikjarat l-akkuza bhala preskritta .

Illi l-Avukat Generali pprezenta appell u bbaza l-argumentazzjoni fuq dak li gie deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. Anthony Agius) Vs George Vella**[1] li kient titratta dwar akkuzi naxxenti mill-Kapitolu 372 tal–Ligijiet ta' Malta tant li l-Avukat Generali anke ghamel refenza ghal proviso tal-artikolu 23(12) tal-Kap 372 li japplika biss ghall-proceduri li jittiehdu skond dan il-Kapitolu u mhux ai fini ta' kull reat permanenti kif donnu ried jallega li japplika ghal kaz taht esami.

[1] Deciza fid-9 ta Dicembru 2011 - Appell Kriminali Numru. 142/2011

In sintesi l-Avukat Generali fir-rikors ta l-appell tieghu jissottometti illi hawnhekk si tratta di reat permanenti u ghaldaqstant il-Qorti tal-Magistrati applikat l-artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod zbaljat u dan ghaliex fil-kaz ta' reati permanenti bhal fil-kaz odjern, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda' mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.

Dan ifisser li l-ghemil bi ksur tal-artikolu 128(a) tal-kapitolu 10 imsemmi johloq stat ta'fatt, u cioe' bini ta cumnija forn jew forga ma hajt li jibqa' jissusisti jkun jikser il-ligi. Il-kontravenzjoni, fi ftit kliem, huwa wiehed permanenti jew kontinwu u ghalhekk iz-zmien tal-preskrizzjoni ghal dak il-kontravenzjoni jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tal-kontravenzjoni u cioe' fil-mument li jitnehha l-istat ta' fatt kontra l-ligi. Fil-kaz odjern l-istat ta' fatt kontra l-ligi kreat bl-ghemil tal-appellant kien ghadu jezisti skond dak li qal lil PS 1593 Alfred Cachia meta kien qed jinvetstiga l-kaz u ma jirrizultax li giex ripristinat l-istat ta' illegalita' bit-tnehijja ta' dak l-istat ta' fatt u ghalhekk ghada tippersisti l-permanenza tal-kontravenzjoni u ghaldaqstant iz-zmien tal-preskrizzjoni ghar-rigward ta' din il-kontravenzjni ghadu ma bediex jiddekorri.

Illi d-distinzjoni fina bejn in-natura tar-reat istantanju u permanenti gew definiti f'sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fil-kawza **Il-Pulizija vs Carlo Stivala**[2] fejn gie hekk deciz:

"Il-kriterju jew kriterji li toffri d-duttrina ghal biex jigi deciz, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa fil-ligi, jekk ir-reat hux wiehed istantanju jew permanenti gew imfissra mill-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-Qorti tal-Magistrati) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Spiteri**[3]. F'din is-sentenza, il-kompjant Imhallef Guze` Flores kien qal hekk:

"*…fir-reat istantanju, fil-mument stess li jikkonkorru l-elementi kostituttivi tieghu, ir-reat huwa konsumat u ezawrit, allavolja jibqghu l-effetti tal-vjolazzjoni tal-ligi, bhal fil-kaz ta' omicidju, lezjonijiet personali, serq. Fir-reat permanenti, ghalkemm ir-reat jigi kunsmat meta*

[2] Deciz mill-Qorti tal-appellil Kriminali nhar l-20 ta Settembru 2007

[3] Deciz mill-Qorti tal-appellil Kriminali nhar 28 ta' Marzu 1960

*jkunu realizzati l-elementi essenzjali tieghu, l-istess reat ma jigix ezawrit, imma jibqa' stat ta' konsumazzjoni sa kemm jibqa' fil-poter tal-agent li jwaqqaf, b'mod effikaci quddiem il-ligi, l-istat antiguridiku kreat bl-att inizjali posittiv jew negattiv, bhal kaz ta' sekwestru tal-persuna, pussess illegali ta' armi*. Hekk il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana (Repertorio, 1952, col. 2300):

'*Il reato istantaneo con effetto permanente si concreta in un unico atto di volonta` seguito da una situazione antigiuridica che si protrae indipendentemente da un ulteriore atto volitivo dall'agente: mentre nel reato permanente la volonta` criminosa, perdurante oltre il primo momento consumativo del reato, puo` essere fatta cessare dalla stessa volonta` del soggetto attivo*.'

Dan ifisser allura illi ghalkemm huwa minnu illi z-zmien indikat fic-citazzjoni (li f'dan il-kaz iservi bhala avvizo da comparire) ma jindikax b'mod preciz l-ewwel mument tal-konsumazzjoni tar-reat, madanakollu billi l-konsumazzjoni ta'l-istess baqa' fis-sehh bl-appellanti jippersisti fl-istat antiguridiku allegatament minnha ikkrejat, iwassal sabiex ir-reat fl-istat permanenti tieghu baqa' fis-sehh anke fiz-zmien indikat fic-citazzjoni u fiz-zmien meta deher il-Qorti beix iwiegeb ghall-akkuzi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi thassar u tannulla s-sentenza appellata w konsegwentement, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, partikolarment lill-imputati, mill-beneficcju tad-doppio esame, qed tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jigi deciz mill-gdid skond il-ligi anki fid-dawl tal-principji ta' dritt fuq enuncjati.

(Ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur